

Fir-rigward tat-taxxa speciali, is-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jostnu, minbarra l-ħlasijiet amministrattivi u l-ħlasijiet ta' kontroll, piż pekunarju ieħor li, madankollu, u bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tad-Direttiva, ma huwiex iddestinat sabiex jiffinanzja l-ispejjeż amministrattivi relatati mal-iskema ta' awtorizzazzjoni ġenerali, iżda li huwa intiż sabiex ikopri spejjeż tal-baġit nazzjonali tal-Istat Ungeriż.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li t-taxxa speċjali hekk miġbura għandha n-natura ta' piż fuq is-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni ġenerali, iżżid sinjifikattivament il-piż pekunarju li għandhom iħallsu dawk li jipprovdu dan is-servizz, tostakola l-moviment liberu ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet u għandha bħala għan il-finanzjar ta' spejjeż mhux permessi mid-Direttiva, li, bħala tali, huwa inkompatibbli mal-Artikolu 12 tagħha.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ssostni li l-Ungerija ma infurmatx b'mod xieraq lill-persuni kkonċernati bl-intenzjoni tagħha li tbiddel l-awtorizzazzjonijiet ġenerali u d-drittijiet u l-kundizzjonijiet (tal-użu u ta' installazzjoni) u lanqas ma allokat terminu suffiċjenti sabiex il-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar il-bidliet proposti. Fid-dawl ta' dan, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 14 tad-Direttiva.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-iSvea Hovrätt (l-Isvezja) fit-18 ta' Ottubru 2012 — Nils Svensson, Sten Sjögren, Pia Gadd u Madeleine Sahlman vs Retriever Sverige**

(Kawża C-466/12)

(2012/C 379/31)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

#### Qorti tar-rinviju

Svea Hovrätt

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Nils Svensson, Sten Sjögren, Pia Gadd u Madeleine Sahlman

Konvenuta: Retriever Sverige AB

#### Domandi preliminari

- (1) Il-fatt li persuna li ma hijiex il-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur ta' biċċa xogħol tipprovdi link li twassal għal din il-biċċa tax-xogħol fuq is-sit internet tiegħu jikkostitwixxi komunikazzjoni ta' dan ix-xogħol lill-pubbliku skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (1)?
- (2) L-evalwazzjoni fl-ewwel domanda hija influwenzata mill-fatt li x-xogħol li tirrinviija għalih il-link jinsab fuq sit internet li kulħadd jista' jaċċedi għalih mingħajr restrizzjonijiet jew li l-aċċess għal dan is-sit huwa, għall-kuntrarju, limitat b'xi mod jew ieħor?
- (3) Huwa xieraq li, waqt l-evalwazzjoni tal-ewwel domanda, issir distinzjoni skont jekk il-biċċa tax-xogħol, wara li l-utenti jikklikkja fuq il-link, tidhirx fuq sit internet ieħor jew, għall-kuntrarju, tagħti l-impressjoni li hija qed tintwera fuq l-istess sit?
- (4) Stat Membru jista' jagħti protezzjoni iktar wiesja' lid-dritt esklussiv ta' awtur billi jipprovdi li l-kunċett ta' komunikazzjoni lill-pubbliku tinkludi wkoll operazzjonijiet bħal dawk li jirriżultaw mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Settembru 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Judecătoria Timișoara — ir-Rumanija) — SC Volksbank România SA vs Autoritatea Națională pentru Protecția Consumatorilor CRPC ARAD TIMIȘ**

(Kawża C-47/11) (1)

(2012/C 379/32)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(1) ĠU C 113, 9.4.2011.